Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' April 2022**
**(OR. fr, en)**

**7764/22**

**SPORT 20**
**JEUN 37**
**EDUC 112**
**SUSTDEV 72**
**CLIMA 149**
**SAN 197**
**RELEX 420**
**ONU 47**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 7067/22 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar<br>"L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli" |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar "L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli", approvati mill-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' April 2022.

**ANNESS**

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

"L-isport u l-attività fiżika, strumenti promettenti biex tinbidel l-imġiba favur l-iżvilupp sostenibbli"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

FILWAQT LI JINNOTAW DAN LI ĠEJ:

1. Qed jiġi aktar rikonoxxut kemm il-prattika u r-rwol tal-isport u l-attività fiżika huma importanti biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti[1].

2. Il-komunità internazzjonali u xjentifika saret konxja ta' u integrat il-benefiċċji possibbli u l-esternalitajiet pożittivi tal-isport u l-attività fiżika kif ukoll tal-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi f'diversi[2]:[3] titjib fis-saħħa fiżika u mentali u l-benesseri ta' individwi, benefiċċji ekonomiċi, edukazzjoni, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, il-formazzjoni ta' soċjetajiet aktar ġusti, sostenibbli, inklużivi u miftuħa, l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u b'inqas opportunitajiet kif ukoll l-apprendiment dwar it-tolleranza.

3. It-tibdil fil-klima u theddid ambjentali ieħor jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-prattiki sportivi u l-partijiet ikkonċernati fl-isport[4] - b'mod partikolari billi jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-prattikanti. Prattiki sportivi xierqa jirrikjedu ambjent san biex jiġu prattikati fih, iżda l-kundizzjonijiet klimatiċi u ambjentali attwali qed isiru inqas favorevoli għal diversi prattiki sportivi u l-attività fiżika.

---

[1] Nazzjonijiet Uniti, A/RES/70/1, Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015 (§37).

[2] Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Il-pjan ta' azzjoni dinji dwar l-attività fiżika 2018-2030.

[3] Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021-30 ta' Ġunju 2024) (2020/C 419/01).

[4] WWF Franza, 2021.

4. Il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima – bħal temperaturi dejjem ogħla, perijodi itwal ta' nixfa u aktar għargħar – iqiegħdu limitazzjonijiet dejjem akbar fuq l-ispazji u l-ħin disponibbli għall-prattika tal-isport, u b'hekk, jirrappreżentaw sors ta’ tfixkil kbir għall-funzjonament u l-organizzazzjoni tal-ekosistema sportiva dinjija – b'mod partikolari tal-isport tax-xitwa fil-miftuħ u xi attivitajiet nawtiċi[5].

5. Bħal attivitajiet oħra tal-bniedem, ċerti aspetti tal-isport u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi jistgħu jikkontribwixxu għad-degradazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, billi jiġġeneraw direttament jew indirettament emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u billi jikkontribwixxu għall-ħsara li ssir lil ambjenti naturali differenti fejn iseħħ l-isport – b'mod partikolari l-ambjenti tal-baħar, tal-foresti u tal-muntanji.

6. Xi aspetti tal-isport jistgħu jkunu sorsi ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet b'effett ta' serra u jista’ jkollhom ukoll impatti negattivi fuq l-ambjent: it-turiżmu sportiv, il-produzzjoni u l-konsum insostenibbli ta' tagħmir sportiv jew oġġetti u servizzi li jirriżultaw minnhom, it-tixrid tal-mikroplastiċi, faċilitajiet sportivi b'konsum għoli ta' riżorsi (speċjalment l-enerġija u l-ilma), iż-żieda fl-għadd ta' avvenimenti sportivi ta' kull livell (inkluż taħriġ, delegazzjonijiet kbar, u l-bini ta' infrastruttura temporanja apposta), kif ukoll prattiki sportivi bla ħlas f'ambjenti naturali.

7. Ir-ritorn tal-Logħob Olimpiku u Paralimpiku lejn l-Ewropa, l-impenn li ħa l-Kumitat Organizzattiv ta’ Pariġi 2024 dwar l-ambjent u n-newtralità karbonika, kif ukoll l-impenji meħuda mill-organizzaturi tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol 2024 fil-Ġermanja jistgħu jħeġġu lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jimpenjaw ruħhom li jibnu b’mod sostenibbli wirt tanġibbli u intanġibbli biex jippromwovu l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli 3, 4, 5, 6, 7, 8, 11, 12, 13 u 17, fil-livelli kollha u fit-territorji kollha.

[5] WWF Franza, 2021.

FILWAQT LI JQISU L-PUNTI LI ĠEJJIN:

8. Bħala fornitur importanti ta' apprendiment informali u mhux formali, l-isport huwa mezz tajjeb ħafna biex tintwera mġiba eżemplari u, bħala tali, biex tinxtered ir-responsabbiltà soċjali, filwaqt li jkun possibbli l-involviment ta' kulħadd, b'mod partikolari taż-żgħażagħ[6] bħala atturi tal-bidla. Għandu wkoll funzjoni ta' komunikazzjoni biex jissensibilizza ċ-ċittadini dwar l-importanza li jiġu ppreservati l-ekosistemi, l-użu armonjuż u sostenibbli tar-riżorsi naturali, u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

9. L-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-isport tista' tattira lin-nies biex jissieħbu fl-isport u jkomplu jipprattikawhom, speċjalment iż-żgħażagħ, peress li ħafna minnhom jistgħu juru interess u involviment partikolari f'dawn il-kwistjonijiet[7].

10. Il-popolarità tal-atleti tal-ogħla livell, is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tagħhom dwar l-emerġenza klimatika u l-involviment u l-promozzjoni min-naħa tagħhom jistgħu jkunu effettivi ħafna fil-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-isport.

11. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jistgħu jagħtu eżempju billi jospitaw jew jospitaw b'mod konġunt avvenimenti sportivi ewlenin sostenibbli[8] li jqisu r-rekwiżiti tar-responsabbiltà ekoloġika, soċjali, ekonomika u ċivika, inkluż iċ-ċirkolarità, l-użu tal-plastik jew tal-ilma, l-impronta tal-karbonju, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-affidabbiltà u l-fair play.

---

6 https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c2c8d076-0a04-11ec-b5d3-01aa75ed71a1/language-mt

7 https://eeb.org/wp-content/uploads/2021/04/IPSOS-Multi-Country-Report-complete.FINAL_.pdf

8 Il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar id-Dimensjoni Ekonomika tal-Isport jiddefinixxi "avveniment sportiv ewlieni" bħala avveniment organizzat minn pajjiż, reġjun jew belt ospitanti jew diversi minnhom u fejn jipparteċipaw delegazzjonijiet internazzjonali differenti bl-għan li jipprattikaw sport wieħed jew aktar. Tali avvenimenti ta' spiss huma kkaratterizzati minn sfidi ewlenin u loġistiċi. Avvenimenti sportivi ewlenin għandhom profil medjatiku internazzjonali għoli, jilqgħu' bosta eluf ta' nies, fosthom sostenituri, ġurnalisti, gruppi tekniċi u uffiċjali, u ta' spiss huma organizzati fuq diversi ġranet konsekuttivi.

12. Sensittività msaħħa fi ħdan il-popolazzjoni rigward l-impatt ekonomiku u ambjentali, l-effetti diretti jew indiretti kkawżati kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, għandha tingħata attenzjoni speċjali meta jiġu organizzati avvenimenti sportivi. Dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni pubblika għall-ospitar ta' avvenimenti.

13. Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal interess akbar fl-attivitajiet sportivi fid-dar, attivitajiet individwali u bla ħlas fil-miftuħ u l-mobbiltà attiva. Dawn ix-xejriet jirriflettu l-bżonn dejjem akbar ta' natura[9], attivitajiet sportivi mhux organizzati u spazji urbani aċċessibbli[10].

14. L-attività fiżika u l-isport, b'mod partikolari dawk li jseħħu fil-miftuħ jew f'ambjenti naturali (eż. foresti, muntanji, oċeani, xmajjar u lagi), jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-litteriżmu ambjentali taċ-ċittadini, kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi protett l-ambjent, u jiġi mitigat it-tibdil fil-klima.

15. Il-programm Erasmus+ Sports qed jappoġġa l-iskambju tal-għarfien u tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 13 u 17. Dawn il-prattiki tajbin jistgħu jitqiesu meta jiġu organizzati attivitajiet u avvenimenti sportivi.

16. L-isport jista' jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u jista' jipprovdi valur miżjud għas-settur ekonomiku.

---

[9] https://iopscience.iop.org/article/10.1088/1748-9326/abb396/pdf
[10] https://journals.plos.org/plosone/article?id=10.1371/journal.pone.0249268

FILWAQT LI JENFASIZZA LI ĠEJ:

17. Huwa importanti li jiġi minimizzat l-impatt negattiv tat-tipi kollha ta' attivitajiet sportivi fuq il-bijodiversità, l-ambjent, u d-dinamika tal-proċess li għaddej tat-tibdil fil-klima. Huwa importanti li l-partijiet kkonċernati kollha, minn entitajiet pubbliċi u privati sa ċittadini, ikunu konxji mir-responsabbiltà individwali u kollettiva tagħhom, kif ukoll tal-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom meta jipprattikaw jew jorganizzaw l-isport.

18. Huwa rilevanti li jiġi żgurat li s-settur tal-isport jagħti l-kontribut tiegħu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Biex dan isir, hemm bżonn ta' diversi tipi ta' appoġġ biex is-settur sportiv ikun jista' jagħmel it-tranżizzjoni lejn prattiki aktar responsabbli.

19. Sabiex tinbena soċjetà inklużiva u sana, huwa essenzjali li kull individwu jkun jista' jipprattika regolarment l-isport u l-attività fiżika f'ambjent san u sikur, irrispettivament mill-età, il-ġeneru, il-kundizzjoni mentali u fiżika, l-isfond soċjoekonomiku jew l-oriġini ġeografika tiegħu.

20. Huwa importanti li jitqiesu l-kwistjonijiet ta' governanza tajba fl-isport, l-integrità, l-aċċess ugwali għall-isport, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-affidabbiltà, il-ġustizzja u s-sostenibbiltà. Dan għandu jsir fil-livelli kollha, bħall-klabbs, il-kampjonati, il-federazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-operaturi ekonomiċi, l-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi ewlenin, in-negozji jew il-media.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

21. Jallinjaw u jikkoordinaw il-politiki u l-istrateġiji pubbliċi li jkopru l-isport mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u mal-miri assoċjati.

22. Jipprovdu aċċess għaċ-ċittadini għal prattiki u avvenimenti sportivi sikuri, inklużivi u sostenibbli skont il-ħtiġijiet tagħhom, bħal pereżempju permezz ta' faċilitajiet sportivi lokali ekoloġiċi aċċessibbli permezz ta' infrastruttura għal mobbiltà attiva.

23. Jesploraw modi biex jgħammru lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti b'għodod biex josservaw l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-isport sabiex jiżviluppaw strateġiji biex jantiċipaw, jadattaw u jappoġġaw l-ekosistemi sportivi li ser jintlaqtu l-aktar mit-tibdil fil-klima fit-tul, pereżempju billi jfittxu tranżizzjoni lejn prattiki aktar reżiljenti u responsabbli u billi jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-moviment sportiv għal kalendarji aktar xierqa.

24. Jiżguraw li l-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi kbar iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u tal-karbonju u jħeġġuhom iqisu kif l-avvenimenti tagħhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11, 12 u 13.

25. Jaħdmu mal-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi kbar biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jimmitigaw l-impatt ambjentali dannuż tal-avvenimenti tagħhom, xierqa għad-dannu kkawżat u bil-ħsieb li tintlaħaq in-newtralità karbonika.

26. Jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet sportivi u lill-istituzzjonijiet edukattivi biex fejn xieraq jinkludu fil-programmi ta' taħriġ tagħhom għall-edukaturi, il-persunal sportiv, l-atleti u l-maniġers tal-faċilitajiet sportivi, kwistjonijiet u azzjonijiet relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli.

27. Isostnu investiment dejjem akbar fl-innovazzjoni u r-riċerka biex jappoġġaw u jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn attività fiżika u prattiki sportivi aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli.

28. Jistinkaw biex jinkludu kriterji u impenji ambjentali fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-proċess ta' valutazzjoni għall-finanzjament u l-appoġġ pubbliku, għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi fil-livelli kollha, attivitajiet sportivi kif ukoll il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manutenzjoni u l-użu ta' faċilitajiet sportivi. Jippromwovu l-inklużjoni ta' tali kriterji fl-evalwazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

29. Meta jagħmlu kuntratti ma' sħab ekonomiċi fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar, il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet sportivi jew il-produzzjoni ta' tagħmir sportiv, isaħħu l-integrazzjoni u l-ponderazzjoni tal-kriterji tar-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR)[11] fil-kuntratti.

30. Fejn xieraq, jippromwovu l-użu tal-fondi tal-UE – inkluż il-fondi ta' koeżjoni (FEŻR, FSE+), RRF, Erasmus+ jew il-programm LIFE – biex jiġu żviluppati inizjattivi li jrawmu attività fiżika u prattiki sportivi ekoloġiċi u sostenibbli u dawk bil-għan li jrawmu l-allinjament mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

31. Jipprijoritizzaw jew jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' bliet intelliġenti u ekoloġiċi b'infrastruttura ekoresponsabbli u ppjanar urban xieraq, f'konformità mal-ispirtu tal-inizjattiva l-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, sabiex jiġi offrut ambjent ta' għajxien aktar iċċentrat fuq il-bniedem fejn iċ-ċittadini jkollhom aċċess għal faċilitajiet sportivi sostenibbli u jkunu jistgħu jadottaw stil ta' ħajja aktar b'saħħtu, aktar attiv u aktar favur l-ambjent.

32. Jagħmlu użu min-networks diplomatiċi biex jippromwovu approċċ Ewropew komuni biex itejbu l-konsiderazzjoni u l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-isport, fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-azzjonijiet esterni u l-programmi ta' assistenza għall-iżvilupp tagħhom.

---

[11] https://www.unido.org/our-focus/advancing-economic-competitiveness/competitive-trade-capacities-and-corporate-responsibility/corporate-social-responsibility-market-integration/what-csr

33. Jikkunsidraw li jaħtru Ambaxxaturi tal-Isport Ekoloġiku fuq bażi volontarja, li r-rwol tagħhom ikun li jippromwovu l-integrazzjoni ulterjuri tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fl-isport.

34. Jinkoraġġixxu sħubijiet bejn is-settur tal-isport, l-edukazzjoni formali, it-tagħlim mhux formali u informali, l-attivitajiet soċjoedukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u s-settur privat sabiex jiġu żviluppati modi trasversali, koordinati u komplementari għas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-għarfien espert dwar kwistjonijiet ambjentali u tat-tibdil fil-klima.

35. Jippromwovu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-ekonomija ċirkolari fil-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manutenzjoni u l-użu tal-faċilitajiet sportivi kollha.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA SABIEX:

36. Tiżgura li l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Esperti dwar l-isport ekoloġiku tkun iffukata fuq il-bini ta' standards komuni fil-livell tal-Unjoni Ewropea, bl-identifikazzjoni ta' kriterji u objettivi għall-organizzazzjoni ta' attività fiżika u prattiki sportivi ekoloġiċi u sostenibbli. Tippromwovi dawn il-kriterji u l-objettivi meta l-Istati Membri jiżviluppaw politiki nazzjonali dwar l-isport.

37. Fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar l-isport ekoloġiku, issegwi l-ġbir ta' evidenza rilevanti u eżempji ta' prattiki tajbin dwar kif l-isport jista' jnaqqas l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

38. Tinkludi l-kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli fid-diskussjonijiet dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport.

39. Tippromwovi l-użu tal-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu ffaċilitati l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' faċilitajiet sportivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, il-marka tal-karbonju u l-konsum tal-enerġija kif ukoll l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima fuq il-prattiki sportivi.

40. Tqis aħjar l-isport fil-politiki pubbliċi żviluppati fil-livell tal-UE, u b'mod partikolari l-politiki u l-inizjattivi ambjentali.

41. Tkompli tivvaluta d-disinn ekoloġiku tal-proġetti u l-inkorporazzjoni ta' prattiki ekoloġiċi fl-evalwazzjoni u l-għoti tal-għotjiet tal-Erasmus+ fil-qasam tal-isport, kif deskritt fil-Gwida tal-Programm Erasmus+.

42. Tiżgura u tippromwovi l-possibbiltà li jiġu żviluppati proġetti dwar l-isport ekoloġiku u l-ħiliet ekoloġiċi fil-programm tal-Erasmus+ Sports.

43. Tinkoraġġixxi l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri fil-qasam tal-isport ekoloġiku, kif deskritt fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Isport 2021-2024.

44. Tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-atturi impenjati li jittrasformaw l-imġiba fl-isport fid-dawl tal-isfidi ambjentali u soċjetali li qed niffaċċaw fil-livelli kollha, jiġifieri, permezz tal-inizjattivi SHARE jew HealthyLifestyle4All.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV U LIL PARTIJIET IKKONĊERNATI KOLLHA BIEX:

45. Jallinjaw l-organizzazzjoni tal-attività fiżika, il-prattiki sportivi u l-avvenimenti sportivi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Kazan, il-Karta Internazzjonali għall-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport u l-Qafas dwar l-Isport għall-Azzjonijiet Klimatiċi.

46. Meta joħolqu strateġiji u programmi, jieħdu kont b'mod speċjali tal-kwistjonijiet tat-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi (speċjalment l-ilma, l-enerġija), l-eliminazzjoni tal-ħela tal-ikel, ir-riċiklaġġ tal-iskart u l-użu mill-ġdid tat-tagħmir sportiv, il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-kwalità tal-arja, it-tnaqqis tal-marka tal-karbonju u, b'mod aktar ġenerali, ta' kif l-isport huwa organizzat biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

47. Jesploraw il-possibbiltà li jaħtru individwu jew struttura dedikata responsabbli għat-twettiq ta' strateġiji u programmi ambjentali.

48. Isibu modi kif jippromwovu l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-bini ta' sens ta' responsabbiltà ambjentali u ċivika fost il-klabbs sportivi, il-federazzjonijiet u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam tal-isport.

49. Jintegraw, fejn xieraq, il-kontenut dwar kwistjonijiet ambjentali fil-programmi ta' taħriġ tal-voluntiera u l-professjonisti sportivi.

50. Jispiraw u jħeġġu lill-atleti b'viżibbiltà fil-media, popolarità għolja u kredibbiltà biex jippromwovu prattiki sportivi etiċi, ekoloġiċi u sostenibbli.

51. Jagħtu attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet ekoloġiċi, soċjali u demokratiċi, it-trasparenza kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem[12] fil-proċess tal-attribuzzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar u l-attribuzzjoni ta' finanzjament jew sponsorizzar lill-organizzaturi ta' dawn l-avvenimenti.

52. Jiżviluppaw jew jużaw għodod xierqa biex ikejlu l-impatt soċjali u ambjentali tal-attivitajiet sportivi, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi kbar, u jqisu l-wirt soċjali u ambjentali ta' dawn l-attivitajiet fil-proċess ta' valutazzjoni.

53. Jippromwovu ktajjen tal-provvista sostenibbli u qosra u fejn possibbli jagħtu prijorità lill-ekonomija lokali fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi, il-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni ta' faċilitajiet sportivi jew il-produzzjoni ta' tagħmir sportiv.

54. Jippromwovu u jinkoraġġixxu l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' responsabbiltà etika, demokratika, soċjali u ambjentali fil-programmazzjoni sportiva awdjoviżiva u x-xandir ta' avvenimenti sportivi, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-libertà tal-media.

55. Jagħmlu s-sħab, il-fornituri, l-isponsors u l-partitarji konxji tar-rekwiżiti ambjentali, li għandhom jitqiesu kif xieraq minnhom.

---

12 https://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR_EN.pdf

Referenzi

**Organizzazzjonijiet internazzjonali**

Nazzjonijiet Uniti, A/RES/70/1, Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015, www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E (§37)

Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, Il-pjan ta’ azzjoni dinji dwar l-attività fiżika 2018-2030, http://apps.who.int/iris/bitstream/handle/10665/272722/9789241514187-eng.pdf, 2018.

Nazzjonijiet Uniti, Ftehim ta' Pariġi, ADOZZJONI TAL-FTEHIM TA' PARIĠI - Ftehim ta' Pariġi, test bl-Ingliż (unfccc.int), 2015.

UNESCO, Pjan ta’ Azzjoni ta' Kazan, Pjan ta’ Azzjoni ta' Kazan - Librerija Diġitali tal-UNESCO, 2017.

UNESCO, Karta Internazzjonali għall-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport, Karta Internazzjonali għall-Edukazzjoni Fiżika, l-Attività Fiżika u l-Isport - Librerija Diġitali tal-UNESCO, 2015.

Nazzjonijiet Uniti, Tibdil fil-Klima, Qafas dwar l-Isport għall-Azzjonijiet Klimatiċi, Nazzjonijiet Uniti (unfccc.int), 2018.

OECD, Żvilupp Ekonomiku u Okkupazzjonali Lokali, Avvenimenti Sportivi Globali u Żvilupp Lokali, Prinċipji għall-Kisba ta' Benefiċċji Lokali Minn Avvenimenti Sportivi Globali, https://www.oecd.org/cfe/leed/OECD-leed-principles-global-sporting-events.pdf, 2017.

**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Innovazzjoni fl-Isport, 2021/C 212/02.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-attività fiżika tul il-ħajja2021/C 501 I/01.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażagħ bħala atturi tal-bidla sabiex jiġi protett l-ambjent (qed jistennew l-approvazzjoni fil-Kunsill EYCS tal-5 ta' April 2022).

**Il-Parlament Ewropew**

Riżoluzzjoni dwar il-politika tal-UE dwar l-isport: valutazzjoni u toroq possibbli 'l quddiem (2021/2058(INI)), 23 ta' Novembru 2021.

Study request by CULT Committee, EU sports policy: assessment and possible ways forward: www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/652251/IPOL_STU(2021)652251_EN.pdf PE 652.251, Ġunju 2021.

**Il-Kummissjoni Ewropea**

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", COM(2019) 640 final.

**NGO**

WWF France 2021, www.wwf.fr/sites/default/files/doc-2021-07/02072021_Rapport_Dereglement-climatique_le_monde_du_sport_a_plus_2_et_4_degres_WWF%20France_4.pdf